A.L. 140 ta' l-2005

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u għall-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għall-implimentazzjoni f'Malta ta' skema ta' kummerċ ta' konċessjonijiet għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra fi ħdan il-Komunità Ewropea sabiex tippromwovi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'metodu li jagħti profitt u li hu ekonomikament effiċjenti. Dawn jittrasponu id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru, 2003, li tistabbilixxi skema ta' kummerċ ta' konċessjonijiet għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra fi ħdan il-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE.

Tifsir.

2. (1) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba ir-rabta tal-kelma ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

"emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra fl-atmosfera minn sorsi fi stallazjoni;

"gassijiet serra" tfisser il-gassijiet elenkati fl-Anness 2;

"konċessjoni" tfisser konċessjoni biex titfa' tunnellata waħda ta' ekwivalenti dijossidu karboniku matul perjodu speċifikat, li għandha tkun valida biss sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti u għandha tkun trasferibbli skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"operatur" tfisser persuna li topera jew tikkontrolla installazzjoni jew li lilha tkun ġiet delegata setgħa ekonomika deċiżiva dwar il-funzjonament tekniku tal-installazzjoni;

"permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra" tfisser il-permess maħruġ skond ir-regolamenti 4 u 5;

"il-Protokoll ta' Kyoto" tfisser il-*Kyoto Protocol to the United Nations Framework Convention on Climate Change*;

"il-pubbliku" tfisser xi persuna waħda jew iżjed kif ukoll assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni;

"istallazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja fejn jitwettqu waħda jew iżjed mill-attivitajiet elenkati fl-Anness 1 u kull attività oħra direttament assoċjata li għandha konnessjoni teknika mal-attivitajiet mwettqa fuq dak is-sit u li jistgħu ikollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis;

"stallazzjoni ġdida" tfisser kull istallazjoni li twettaq xi waħda jew iżjed mill-attivitajiet indikati fl-Anness 1, li tkun, wara notifika tal-pjan ta' allokazzjoni nazzjonali, kisbet:

(i) permess għall-emissjonijiet ta'gassijiet serra, jew

(ii) aġġornament tal-permess tagħha għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra minħabba bidla fin-natura, jew funzjoni jew estensjoni tal-istallazzjoni;

"tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku" tfisser tunnellata metrika ta' dijossidu karboniku (CO_2) jew ammont ta' kull gass serra ieħor elenkat fl-Anness 2 li għandu potenzjal ekwivalenti ta' tisħin globali.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal emissjonijiet minn attivitajiet elenkati fl-Anness 1 għal dawn ir-regolamenti u gassijiet serra elenkati fl-Anness 2 għal dawn ir-regolamenti.

Permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

3. Ebda persuna ma għandha tagħmel xi attività elenkata fl-Anness 1 ma' dawn ir-regolamenti li tirriżulta f'emissjonijiet speċifikati f'relazzjoni ma' dik l-attività sakemm l-operatur tagħha ma jkollux permess maħruġ mill-awtorità kompetenti skond ir-regolamenti 4 u 5.

Applikazzjonijiet għall-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

4. (1) Operatur ta' installazzjoni li twettaq attività elenkata fl-Anness 1 ma' dawn ir-regolamenti waqt perjodu msemmi fis-subregolamenti 10(1) u 10(2) għandu japplika għall-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal dik l-installazzjoni qabel l-avviż tal-Pjan Nazzjonali tal-Allokazzjoni msemmi fir-regolament 8 għal dak il-perjodu.

(2) Operatur għandu, skond is-subregolament (1), jagħmel applikazzjoni lill-awtorità kompetenti għall-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra li għandha tinkludi deskrizzjoni ta':

(i) l-installazzjoni u l-attivitajiet tagħha, inkluża t-teknoloġija użata;

(ii) il-materji primi u awżiljarji, li l-użu tagħhom x'aktarx iwassal għal emissjonijiet tal-gassijiet elenkati fl-Anness 1;

(iii) is-sorsi tal-emissjonijiet tal-gassijiet elenkati fl-Anness 1 mill-installazzjoni;

(iv) il-miżuri ppjanati biex jiġu monitorjati u rappurtati emissjonijiet skond ir-regolament 13;

(v) kull informazzjoni oħra xierqa mitluba mill-awtorità kompetenti;

(vi) sommarju mhux tekniku tad-dettalji msemmija fis-subparagrafi preċedenti ta' dan ir-regolament.

(3) L-awtorità kompetenti, tista', minn żmien għal żmien, tistabbilixxi dawk ir-rati li tista' titlob li jitħallsu għal kull permess bħal dak, jew għat-tiġdid tiegħu.

Kondizzjonijiet għal u kontenut ta' permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

5. (1) Wara r-riċevuta ta' applikazzjoni għall-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ permess għall-emissjonijiet li jagħti l-awtorizzazzjoni għall-emissjoni ta' gassijiet serra mill-installazzjoni kollha li għaliha ssir l-applikazzjoni għall-permess jew parti minnha, jekk l-awtorità kompetenti hija sodisfatta li l-operatur tal-installazzjoni jista' jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u jkun kapaċi li jimmonitorja u jirraporta dawk l-emissjonijiet.

(2) Permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra maħruġ mill-awtorità kompetenti jista' jkopri installazzjoni waħda jew iżjed fl-istess sit operati mill-istess operatur.

(3) L-awtorità kompetenti, meta toħroġ permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għandha tassigura li l-permess għandu jinkludi dan li ġej:

(i) l-isem u l-indirizz ta' l-operatur;

(ii) deskrizzjoni ta' l-attivitajiet u l-emissjonijiet mill-istallazzjoni;

(iii) ħtiġijiet tal-monitoraġġ, bl-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija u l-frekwenza tal-monitoraġġ;

(iv) ħtiġijiet ta' rapportaġġ;

(v) ħtiġijiet għal kull informazzjoni oħra li għandha tiġi notifikata lill-awtorità kompetenti;

(vi) obbligazzjoni li jiġu ċeduti konċessjonijiet ekwivalenti għall-emissjonijiet totali tal-istallazzjoni f'kull sena kalendarja, kif verifikata skond ir-regolament 14, fi żmien erba' xhur wara t-tmiem ta' dik is-sena;

(vii) ħtiġijiet li jitħallsu penali għan-nuqqas ta' konformità taħt is-subparagrafu (vi) hawn qabel.

Bidliet li jirrigwardaw l-istallazzjonijiet.

6. (1) L-operatur ta' istallazzjoni li għaliha jkun inħareġ permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għandha tinforma lill-awtorità kompetenti:

(i) b'kull bidla ppjanata fix-xorta jew fil-funzjonament ta' l-istallazzjoni; jew

(ii) b'kull estensjoni ta' l-istallazzjoni,

li jistgħu jirrikjedu aġġornament tal-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra:

Iżda kull avviż bħal dak irid isir mill-anqas xahar qabel ma tiġi implimentata dik il-bidla jew estensjoni.

(2) L-awtorità kompetenti, għandha, meta jkun adatt, taġġorna l-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra skond hekk:

Iżda l-awtorità kompetenti tista', f'kull żmien, tvarja l-kondizzjonijiet tal-permess b'dak il-mod kif jista' jidhrilha xieraq.

(3) Fejn ikun hemm bidla fl-identità tal-operatur ta' l-istallazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess sabiex dan ikun jinkludi l-isem u l-indirizz ta' l-operatur il-ġdid:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tiġi notifikata bil-bidla fl-identità ta' l-operatur ta' l-istallazzjoni qabel ma bidla bħal dik tkun seħħet effettivament;

(4) Meta operatur jieqaf minn attività (kollha jew in parti) mniżżla fl-Anness I li fuqha jkollu permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, huwa jista':

(i) fejn ikun waqqaf l-attività mniżżla fl-Anness I li fuqha jkollu permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, japplika għand l-awtorità kompetenti biex jrodd lura il-permess kollu;

(ii) f'kull każ iehor, japplika għand l-awtorità kompetenti biex irodd lura dik il-parti tal-permess għall-emmissjonijiet ta' gassijiet serra li biha l-awtorità kompetenti tawtorizza dik l-attività mniżżla fl-Anness I li huwa jkun waqqaf.

(5) L-awtorità kompetenti tista', f'kull żmien, tirrevoka permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kollu jew in parti, u dan billi tinnotifika avviż lill-operatur.

Koordinazzjoni ma' l-A.L. 234 ta' l-2002.

7. (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex taċċerta illi, fejn l-istallazzjonijiet iwettqu attivitajiet li huma inklużi fl-Iskeda 1 li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis, il-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-ħruġ ta'permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma koordinati ma' dawk għall-permess imsemmi f'dawk ir-regolamenti.

(2) Il-ħtiġijiet tar-regolamenti 4, 5 u 6 ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu integrati mal-proċeduri ta' permessi għall-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis msemmija fir-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis.

Pjan Nazzjonali ta' l-Allokazzjoni.

8. (1) Il-Ministru għandu jassigura li Pjan Nazzjonali tal-Allokazzjoni għandu jiġi ppreparat għal kull perjodu kif speċifikat fis-subregolamenti 10(1) u 10(2).

Kemm il-darba li għal kull perijodu ta' ħames snin, il-pjan għandu jiġi publikat u notifikat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea mill-anqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perijodu rilevanti.

(2) Il-Ministru għandu jassigura li l-Pjan Nazzjonali tal-Allokazzjoni għal kull perjodu msemmi fis-subregolament 8(1) għandu jistipula l-kwantità totali tal-konċessjonijiet li għandhom jiġu allokati għal dak il-perjodu u kif dawk il-konċessjonijiet għandhom jiġu allokati.

(3) Il-Ministru għandu jassigura li l-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni għandu jiġi bbażat fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, inklużi dawk elenkati fl-Anness 3 ma' dawn ir-regolamenti.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li Abbozz tal-Pjan Nazzjonali tal-Allokazzjoni għandu jiġi pubblikat għall-kummenti tal-pubbliku li mbagħad għandu jitqies sew u kif dovut.

(5) L-awtorità kompetenti għandha, qabel il-bidu ta kull perjodu msemmi fis-subregolamenti 10(1) u 10(2), tippublika fil-Gazzetta l-Pjan Nazzjonali tal-Allokazzjoni għal dak il-perjodu.

Metodu ta' allokazjoni.

9. (1) Għall-perjodu ta' tlett snin li jibda fl-1 ta' Jannar, 2005, imsemmi fis-subregolament 10(1), mill-inqas 95% tal-konċessjonijiet għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas.

(2) Għall-perjodu ta' ħames snin li jibda fl-1 ta' Jannar, 2008, imsemmi fis-subregolament 10(2), mill-inqas 90% tal-konċessjonijiet għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas.

Allokazzjoni u ħruġ ta' konċessjonijiet.

10. (1) Għall-perjodu ta' tlett snin li jibda mill-1 ta' Jannar, 2005, l-awtorità kompetenti, wara li tkun kisbet il-kunsens tal-Ministru, għandha tieħu deċiżjoni mill-inqas tlett xhur qabel il-bidu tal-perjodu rilevanti, dwar il-kwantità ta' konċessjonijiet li għandhom jiġu allokati għall-perjodu, u l-allokazzjoni ta' dawn il-konċessjonijiet lill-operatur ta' kull istallazzjoni għall-perjodu. Din id-deċiżjoni għandha tkun ibbażata fuq il-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni żviluppat b'konformità mar-regolament 8 u skond ir-regolament 9, wara li jitqiesu kif imiss il-kummenti li jsiru mill-pubbliku.

(2) Għall-perjodu ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar, 2008, u għal kull perjodu sussegwenti ta' ħames snin, l-awtorità kompetenti, wara li tkun kisbet il-kunsens tal-Ministru, għandha tieħu deċiżjoni mill-inqas tnax-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu rilevanti, dwar il-kwantità totali ta' konċessjonijiet li għandhom jiġu allokati għall-perjodu, u l-allokazzjoni ta' dawk il-konċessjonijiet lill-operatur ta' kull istallazzjoni għall-perjodu. Din id-deċiżjoni għandha tkun ibbażata fuq il-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni żviluppat b'konformità mar-regolament 8 għall-perjodu rilevanti u skond ir-regolament 9, wara li jitqiesu kif imiss il-kummenti li jsiru mill-pubbliku.

(3) Deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti, wara l-ksib tal-kunsens tal-Ministru, konformement mas-subregolamenti 10(1) u 10(2) għandhom ikunu skond il-ħtiġijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 87 u 88 tiegħu.

(4) Deċiżjonijiet dwar l-allokazzjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti, wara l-ksib tal-kunsens tal-Ministru, għandhom iqisu l-ħtieġa li jiġi provdut aċċess għal konċessjonijiet għal stallazzjonijiet ġodda.

(5) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ proporzjon tal-kwantità totali ta' konċessjonijiet lid-detenturi ta' permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra kull sena tal-perjodu rilevanti msemmi fis-subregolamenti 10(1) jew 10(2) sat-28 ta' Frar ta' dik is-sena.

Trasferiment, ċessjoni u kanċellament ta' konċessjonijiet.

11. (1) Il-konċessjonijiet, għandhom ikunu trasferibbli bejn:

(i) persuni fi ħdan il-Komunità:

(ii) persuni fi ħdan il-Komunità u persuni f'pajjiżi terzi elenkati fl-Anness B mal-Protokoll ta' Kyoto, anness bħala Anness 6 ma' dawn ir-regolamenti, li jkunu irratifikaw il-Protokoll u li magħhom jkunu saru pattijiet ta' ftehim għar-rikonoxximent reċiproku ta' konċessjonijiet bejn l-iskema tal-Komunità u skemi oħra ta' kummerċ ta' emissjonijiet ta'gassijiet serra, mingħajr restrizzjonijiet għajr dawk kontenuti f'dawn ir-regolamenti, jew adottati konformement magħhom.

(2) Konċessjonijiet mogħtija minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea għandhom jiġu rikonoxxuti sabiex jiġu sodisfatti l-obbligazzjonijiet ta' operatur taħt is-subregolament 11(3).

(3) Mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, l-operatur ta' kull istallazzjoni għandu jċedi għadd ta' konċessjonijiet ugwali għat-total ta' emissjonijiet minn dik l-istallazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti, kif verifikat skond ir-regolament 14.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li konċessjonijiet ċeduti skond is-subregolament (3) għandhom sussegwentement jiġu kanċellati.

(5) L-awtorità kompetenti tista' tikkanċella konċessjonijiet f'kull waqt fuq talba tad-detentur tagħhom.

Validità tal-konċessjonijiet.

12. (1) Konċessjonijiet għall-emissjonijiet maħruġin għal perjodu kif imsemmi fis-subregolament 10(1) u 10(2) għandhom ikunu biss validi għal dak il-perjodu.

(2) Erba' xhur wara l-bidu ta' l-ewwel perjodu ta' ħames xhur kif imsemmi fis-subregolament 10(2), l-awtorità kompetenti għandha tħassar l-allokazzjonijiet li m'għadhomx aktar validi u li ma jkunux ġew ċeduti u kanċellati skond is-subregolamenti 11(3) u 11(4).

(3) L-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti konċessjonijiet lil persuni għall-ewwel perjodu ta' ħames snin sabiex tissostitwixxi konċessjonijiet miżmuma minnhom li huma kanċellati skond is-subregolament 12(2).

(4) Erba' xhur wara l-bidu ta' kull perjodu sussegwenti ta' ħames snin kif imsemmi fis-subregolament 10(2), l-awtorità kompetenti għandha tikkanċella l-konċessjonijiet li ma jkunux għadhom iżjed validi u li ma jkunux ġew ċeduti u kanċellati skond is-subregolamenti 11(3) u 11(4).

(5) L-awtorità kompetenti għandha tagħti konċessjonijiet lil persuni għall-perjodu kurrenti sabiex jissostitwixxu konċessjonijiet miżmuma minnhom li jkunu ġew kanċellati skond is-subregolament 12(4).

Linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u l-irraportar tal-emissjonijiet.

13. (1) L-operatur ta' istallazzjoni li għaliha inħareġ permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandu jimmonitorja l-emissjonijiet minn dik l-istallazzjoni skond il-prinċipji ta' monitoraġġ stipulati fl-Anness 4 ma' dawn ir-regolamenti u l-ħtiġijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/156/KE.

(2) L-operatur ta' istallazjoni li għaliha jkun inħareġ permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandu jirraporta l-emissjonijiet minn dik l-istallazzjoni matul kull sena kalendarja lill-awtorità kompetenti wara tmiem dik is-sena skond il-prinċipji ta' rappurtar stipulati fl-Anness 4 ma' dawn ir-regolamenti u l-ħtiġijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/156/KE. Ir-rapport dwar l-emissjonijiet għandu jiġi ppreżentat mhux iżjed tard minn erba' ġimgħat qabel il-31 ta' Marzu ta' kull sena.

Verifika.

14. (1) Ir-rapport li jiġi ppreżentat minn operatur konformement mas-subregolament 13(2) għandu jiġi verifikat skond il-kriterji stipulati fl-Anness 5 ma' dawn ir-regolamenti. Għandu jiġi wkoll ippreżentat lill-awtorità kompetenti rapport ta' verifika flimkien mar-rapport dwar l-emissjonijiet.

Kemm-il darba li operaturi għandhom jaċċertaw li r-rapporti tagħhom jiġu verifikati minn verifikatur indipendenti skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/156/EC.

(2) Operatur illi r-rapport tiegħu ma jkunx ġie verifikat bħala sodisfaċenti skond il-kriterji stipulati fl-Anness 5 ma' dawn ir-regolamenti sal-31 ta' Marzu ta' kull sena għal emissjonijiet matul is-sena preċedenti, ma jistax jagħmel trasferimenti ulterjuri ta' konċessjonijiet sakemm rapport minn dak l-operatur ma jkunx ġie verifikat bħala wieħed sodisfaċenti.

Pieni.

15. (1) Kull min -

(i) għall-perjodu ta' tlett snin li jibda fl-1 ta' Jannar, 2005, kif imsemmi fis-subregolament 10(1), ma jċedix konċessjonijiet suffiċjenti sat-30 ta' April ta' kull sena biex ikopri emissjonijiet minn dik l-istallazzjoni matul is-sena preċedenti; jew

(ii) għall-perjodu ta' ħames snin li jibda fl-1 ta' Jannar, 2008, u fil-perjodi ta' ħames snin sussegwenti kif imsemmi fis-subregolament 10(2), ma jċedix konċessjonijiet suffiċjenti sat-30 ta' April ta' kull sena biex ikopri emissjonijiet minn dik l-istallazzjoni matul is-sena preċedenti; jew

(iii) jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew jonqos milli jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni leġittimament mogħtija skond ma hemm f'xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(iv) jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(v) jaġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(vi) jassoċja ruħu jew jattenta, jew jgħin, jew jassisti lil xi persuna oħra b'kull mezz, inkluż permezz ta' reklamar, għoti ta' pariri jew tħabrik sabiex jikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew jonqos milli jikkonforma ruħu ma' disposizzjonijiet bħal dawk (inkluża kull ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew sabiex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawk ir-regolamenti,

ikun ħati ta' reat taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti tista', meta tinstab ħatja, teħel:

(a) fil-każ ta' ksur tal-paragrafu (i) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, ħlas ta' penali ta' sittax-il lira Maltija (Lm16) għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku li tkun ġiet emessa minn dik l-istallazzjoni li fuqha dak l-operatur ma' jkunx ċeda konċessjonijiet:

(b) fil-każ ta' ksur tal-paragrafu (ii) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, ħlas ta' penali ta' erbgħin lira Maltija (Lm40) għal kull tunellata ekwivalenti ta' dijossidu karboniku li tkun ġiet emessa minn dik l-istallazzjoni li fuqha dak l-operatur ma' jkunx ċeda konċessjonijiet: u

(ċ) f'kull każ ieħor, ma' l-ewwel kundanna multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira Maltija (Lm500), iżda mhux iżjed minn elf lira Maltija (Lm1,000) u mat-tieni kundanna jew kundanni sussegwenti, multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1,000), iżda mhux iżjed minn elfejn lira Maltija (Lm2,000), jew priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Il-ħlas tal-penali kif speċifikat fis-subregolament (2) ma jeħlisx lill-operatur mill-obbligazzjoni li jċedi ammont ta' konċessjonijiet ugwali għal dawk l-eċċessi ta' emissjonijiet meta jċedi konċessjonijiet li jirrigwardaw is-sena kalendarja li tiġi wara.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-proċedimenti fir-rigward ta' reati taħt dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli tinżamm jew tinkiseb liċenza, permess jew awtorità ma għandha f'ebda każ tkun ta' inqas minn sena.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti għal reat taħt dawn ir-regolamenti għandhom jinżammu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fir-rigward ta' proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika l-ismijiet tal-operaturi li jkunu qegħdin jiksru l-ħtiġijiet li jċedu konċessjonijiet suffiċjenti taħt is-subregolament 11(3).

Aċċess għall-informazzjoni.

16. Id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-allokazzjoni ta' konċessjonijiet u rapporti ta' emissjonijiet meħtieġa taħt il-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u li jkunu miżmuma mill-awtorità kompetenti, għandhom jitqegħdu għad-disposizzjoni tal-pubbliku mill-awtorità kompetenti skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, u d-Direttiva 2003/4/KE tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-ambjent. A.L. 217 ta' l-2001.

Reġistri.

17. (1) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru sabiex tiżgura kontabilità preċiża dwar l-għotja, żamma, trasferiment u kanċellament ta' konċessjonijiet. L-awtorità kompetenti tista' żżomm ir-reġistru f'sistema konsolidata flimkien ma' Stat Membru wieħed jew aktar ta' l-Unjoni Ewropeja.

(2) Kull persuna tista' tkun detentriċi ta' konċessjonijiet.

(3) Ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku. Ir-reġistru għandu jżomm kontijiet separati sabiex jirreġistra konċessjonijiet miżmuma minn kull persuna lil min, u mingħand min, il-konċessjonijiet ikunu ngħataw jew ġew trasferiti.

Aggruppar.

18. (1) Operaturi ta' istallazzjonijiet li jwettqu waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Anness 1 jistgħu jitħallew jiffurmaw grupp ta' istallazzjonijiet mill-istess attività għall-perjodu ta' tlett snin imsemmi fis-subregolament 10(1) u, jew l-ewwel perjodu ta' ħames snin msemmi fis-subregolament 10(2), skond is-subregolamenti 18(2) sa 18(6).

(2) Operaturi li jwettqu attività elenkata fl-Anness 1 li jixtiequ jiffurmaw grupp għandhom japplikaw għand l-awtorità kompetenti. Fl-applikazzjoni, l-operaturi għandhom jispeċifikaw l-istallazzjonijiet u l-perjodu li matulu jkunu jeħtieġu l-grupp. Għandhom ukoll ifornu prova li fiduċjarju jkun jista' jissodisfa l-obbligazzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti 18(3) u 18(4).

(3) Operaturi li jixtiequ jiffurmaw grupp għandhom jaħtru fiduċjarju:

(i) li lilu tinħareġ il-kwantità totali ta' konċessjonijiet għall-operaturi, kif kalkolata għal kull istallazzjoni, b'deroga mir-regolament 10;

(ii) li jkun responsabbli biex iċedi konċessjonijiet ugwali għall-emissjonijiet totali mill-installazzjonijiet fil-grupp, b'deroga mis-subregoli 5(3)(vi) u 11(3);

(iii) li jiġi ristrett milli jagħmel trasferimenti ulterjuri fl-eventwalità li rapport ta' operatur konformement mas-subregolament 13(2) ma jkunx ġie verifikat bħala sodisfaċenti skond is-subregolament 14(2).

(4) Il-fiduċjarju jista' jeħel il-penalitajiet li japplikaw għal vjolazzjonijiet tal-ħtiġijiet li jċedi konċessjonijiet suffiċjenti biex ikopru l-emissjonijiet totali minn installazzjonijiet fil-grupp, b'deroga mir-regolament 15.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel applikazzjoni għall-formazzjoni ta' grupp magħmula konformement mas-subregolament 18(2) lill-Kummissjoni Ewropea, u l-aggruppar għandu jiġi biss permess meta l-Kummissjoni taċċetta l-applikazzjoni jew l-emendi li jsiru konformement ma' proposti tal-Kummissjoni.

(6) Fl-eventwalità li l-fiduċjarju jonqos milli jikkonforma ruħu mal-penalitajiet imsemmmija fis-subregolament 18(4), kull operatur ta' installazzjoni fil-grupp ikun responsabbli taħt is-subregolament 11(3) u r-regolament 15 fir-rigward ta' l-emissjonijiet mill-installazzjoni tiegħu stess.

Forza maġġuri.

19. (1) F'każijiet ta' forza maġġuri, matul l-ewwel perjodu ta' tlett snin imsemmi fis-subregolament 10(1), operatur ta' installazzjoni jista' jagħmel applikazzjoni għand l-awtorità kompetenti sabiex dik l-installazzjoni jinħarġulha konċessjonijiet addizzjonali. Iċ-ċirkostanzi li taħthom tintwera forza maġġuri qegħdin jiġu deskritti fil-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2003) 830 dwar gwida biex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-kriterji elenkati fl-Anness III mad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema ta' kummerc ta' konċessjonijiet għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra fi ħdan il-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, u fuq iċ-ċirkostanzi li taħthom tintwera l-forza maġġuri.

(2) Malli tirċievi applikazzjoni biex jingħataw konċessjonijiet addizzjonali lil istallazzjoni taħt forza maġġuri, l-awtorità kompetenti għandha mbagħad tapplika għand il-Kummissjoni Ewropea sabiex ikunu jistgħu jinħarġu konċessjonijiet addizzjonali għal dik l-

istallazzjoni. Kull deċiżjoni dwar l-għoti ta' konċessjonijiet addizjonali għandha ssir skond id-deċiżjoni li tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea.

(3) Kull konċessjoni addizzjonali li tingħata f'każijiet ta' forza maġġuri mhix trasferibbli.

ANNESS 1

Kategoriji ta' Attivitajiet li dwarhom japplikaw dawn ir-Regolamenti kif imsemmi fir-Regolament 2

Attivitajiet	Gassijiet Serra
Attivitajiet ta' l-enerġija	
Istallazzjonijiet ta' kombustjoni b'input termali ratat li jaqbeż l-20MW (minbarra istallazzjonijiet ta' l-iskart perikoluż jew muniċipali)	Dijossidu tal-karbonju
Raffineriji taż-żejt minerali	Dijossidu tal-karbonju
Fran tal-kokk	Dijossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni u l-ipproċessar ta' metalli li fihom il-ħadid	
Istallazzjonijiet li jixwu jew jgħaqqdu f'materjal solidu permezz tas-sħana metall mhux maħdum (inkluż sulfidju mhux maħdum)	Dijossidu tal-karbonju
Istallazzjoniet għall-produzzjoni ta' biċċiet ta' ħadid kbir kif jiksaħ u joħroġ mill-kalkara jew azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inkluż ikkastjar kontinwu , b'kapaċità li taqbeż il-2.5 tunnella kull siegħa.	Dijossidu tal-karbonju
Industrija minerali	
Istallazzjonijiet għall-produzzjoni ta' madum iebes tas-siment f'kalkari li jduru b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-500 tunnellata kuljum jew ġir f'kalkari li jduru b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum jew fi fran kbar oħra b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum	Dijossidu tal-karbonju
Istallazzjonijiet għall-manifattura tal-ħġieġ inkluż fibra tal-ħġieġ b'kapaċità li dawn iħollu li taqbeż l-20 tunnellata kuljum	Dijossidu tal-karbonju
Istallazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika permezz tal-ħami tat-tafal, b'mod partikolari madum għat-tisqif, briks, briks li jirreżistu għas-sħana, madum, oġġetti tal-ġebel jew porċellana, b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-75 tunnellata kuljum, u/jew b'kalkara ta' kapaċità li taqbeż l-4 m^3 u b'densità ta' issettjar għal kull kalkara li taqbeż il-300kg/m^3	Dijossidu tal-karbonju

Attivitajiet	Gassijiet *greenhouse*
Ativitajiet oħra	
Fabbriki industrijali għall-produzzjoni ta'	Dijossidu tal-karbonju
(a) polpa mill-injam maqtugħ għax-xogħol jew materjal fibruż ieħor	
(b) karta u bords b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż l-20 tunnellata kuljum	

1. Istallazzjonijiet jew partijiet minn istallazzjonijiet użati għar-riċerka, żvilupp u ttesttjar ta' prodotti u proċessi ġodda ma humiex koperti b'dawn ir-Regolamenti.

2. Il-valuri tal-limiti moghtija hawn taht ġeneralment jirreferu għall-kapaċitajiet jew ħruġ ta' produzzjoni. Fejn operatur wieħed iwettaq diversi attivitajiet li jaqgħu taht l-istess subintestatura fl-istess installazzjoni jew fl-istess sit, il-kapaċitajiet ta' dawk l-attivitajiet għandhom jingħaddu flimkien.

ANNESS 2

Gassijiet serra imsemmija fir-Regolament 2

Dijossidu karboniku (CO_2)

Metanu (CH_4)

Ossidu Nitruż (N_2O)

Idroflorokarboni (HFCs)

Perflorokarboni (PFCs)

Eżafluworidu tal-kubrit (SF_6)

ANNESS 3

Kriterji għall-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni msemmija fir-Regolament 8

1. Il-kwantità totali ta' konċessjonijiet li għandha tiġi allokata għall-perjodu relevanti għandha tkun konsistenti ma' l-obbligu ta' l-istat li jillimita l-emissjonijiet tiegħu skond id-Deċiżjoni 2002/358/KE[1] u l-Protokoll ta' Kyoto tenut kont, min naħa l-waħda tal-proporzjon tal-emissjonijiet totali li dawn il-konċessjonijiet jirrapreżentaw meta mqabbla ma' emissjonijiet minn sorsi mhux koperti minn dawn ir-Regolamenti u, minn naħa l-oħra, tal-politika nazzjonali ta' l-enerġija, u għandha tkun konsistenti mal-programm nazzjonali dwar il-bidla fil-klima. Il-kwantità totali ta' konċessjonijiet li għandha tiġi allokata ma għandhiex tkun iżjed minn dik li x' aktarx tkun meħtieġa għall-applikazzjoni riġida tal-kriterji ta' dan l-Anness. Qabel l-2008, il-kwantità għandha tkun konsistenti ma' direzzjoni sabiex tintlaħaq jew tiġi superata l-mira tal-istat taħt id-Deċiżjoni 2002/358/KE u l-Protokoll ta' Kyoto.

2. Il-kwantità totali ta' konċessjonijiet li għandha tiġi allokata għandha tkun konsistenti ma' l-evalwazzjoni tal-progress attwali u dak proġettat għat-twettiq tal-kontribuzzjonijiet tal-istat lejn l-impenji tal-Komunità meħuda skond id-Deċiżjoni 280/2004/KE[2].

3. Il-kwantitajiet ta' konċessjonijiet li għandhom jiġu allokati għandhom ikunu konsistenti mal-potenzjal, inkluż il-potenzjal teknoloġiku , tal-attivitajiet koperti minn din l-iskema sabiex inaqqsu l-emissjonijiet. L-istat jista' jibbaża d-distribuzzjonijiet tal-konċessjonijiet fuq l-emissjonijiet medji ta' gassijiet serra skond il-prodott f'kull attività u l-progress li jista' jintlaħaq f'kull attività.

4. Il-pjan għandu jkun konsistenti mal-istrumenti leġislattivi u ta' politika tal-Komunità. Għandhom jitqiesu żidiet fl-emissjonijiet li ma jistgħux jiġu evitati u li jirriżultaw minn ħtiġijiet leġislattivi ġodda.

5. Il-pjan m' għandux jiddiskrimina bejn kumpanniji jew setturi b'tali mod illi jiffavorixxi indebitament ċerti intrapriżi jew attivitajiet, skond il-ħtiġijiet tat-Trattat[3], b'mod partikolari l-Artikoli 87 u 88 tiegħu.

6. Il-pjan għandu jkun fih informazzjoni dwar il-manjiera li biha istallazzjonijiet ġodda ikunu jistgħu jibdew jipparteċipaw fl-iskema tal-Komunità fl-istat.

---

[1] Deċiżjoni 2002/358/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April, 2002 li tirrigwarda l-approvazzjoni, għan-nom tal-Komunità Ewropeja, tal-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima u t-twettiq konġunt ta' l-impenji taħt dak id-dokument.

[2] Deċiżjoni 280/2004/KE: Deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Frar, 2004 li tirrigwarda mekkaniżmu għall-immonitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità u għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kyoto.

[3] Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

7. Il-pjan jista' jakkomoda azzjoni minn kmieni u għandu jkun fih informazzjoni dwar il-manjiera ta' kif għandha tittieħed in konsiderazzjoni l-azzjoni minn kmieni. Punti ta' referenza mnissla minn dokumenti ta' referenza li jirrigwardaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli jistgħu jiġu impjegati mill-istat fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni, u dawn il-punti ta' referenza jistgħu jinkorporaw element li jakkomoda azzjoni minn kmieni.

8. Il-pjan għandu jkun fih informazzjoni dwar kif għandha titqies t-teknoloġija nadifa, inklużi teknoloġiji li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti.

9. Il-pjan għandu jinkludi disposizzjonijiet biex il-pubbliku jkun jista' jesprimi l-kummenti, u jkun fih informazzjoni dwar l-arranġamenti biex tingħata konsiderazzjoni dovuta lil dawn il-kummenti qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-konċessjonijiet.

10. Il-pjan għandu jikkontjeni lista tal-istallazzjonijiet koperti b'dawn ir-Regolamenti bil-kwantitajiet ta' konċessjonijiet intiżi li jiġu allokati lil kull istallazzjoni.

11. Il-pjan jista' jinkludi informazzjoni dwar kif għandha titqies l-eżistenza tal-kompetizzjoni minn pajjiżi jew entitajiet minn barra l-Unjoni Ewropea.

ANNESS 4

Prinċipji għall-Monitoraġġ u r-Rappurtar msemmija fir-Regolament 13.

Monitoraġġ tal-emissjonijiet tad-dijossidu karboniku

L-emissjonijiet għandhom jiġu monitorjati jew b'kalkolu jew abbażi tal-kejl.

Kalkolu

Kalkoli ta' l-emissjonijiet għandhom isiru bl-użu tal-formola:

Data dwar l-attività x Fattur ta' l-emissjoni x Fattur tal-ossidazzjoni

Data dwar l-attività (kombustibbli użat, rata ta' produzzjoni eċċ.) għandha tiġi monitorjata abbażi tal-informazzjoni dwar forniment jew kejl.

Għandhom jiġu użati fatturi dwar l-emissjonijiet aċċettati. Fatturi tal-emissjoni għall-attività speċifika huma aċċettabli għall-kombustibbli kollha. Fatturi li japplikaw f'każ ta' nuqqas huma aċċettabli għall-kombustibbli kollha minbarra dawk mhux kummerċjali (kombustibbli ta' l-iskart bħal *tyres* u gassijiet għall-ipproċessar industrijali). Fatturi li japplikaw f'każ ta' nuqqas għal saffi speċifiċi għall-faħam, u fatturi li japplikaw f'każ ta' nuqqas speċifikament għall-UE jew speċfikament għall-pajjiż għall-produzzjoni tal-gass naturali għandhom jiġu elaborati ulterjorment . Valuri tal-IPCC li japplikaw f'każ ta' nuqqas huma aċċettabli għall-prodotti tar-raffineriji. Il-fattur ta' emissjoni għall-bijomassa għandu jkun żero.

Jekk il-fattur ta' l-emissjoni ma jieħux in konsiderazzjoni l-fatt li xi ftit mill-karbonju ma jiġix ossidat, għandu jintuża fattur ta' l-ossidazzjoni addizjonali. Jekk fatturi ta' emissjoni għall-attività speċifika ikunu ġew kalkolati u dawn ikunu diġa' jieħdu in konsiderazzjoni l-ossidazzjoni, ma għandux għalfejn jiġi applikat fattur ta' ossidazzjoni.

Għandhom jintużaw fatturi ta' l-ossidazzjoni li għandhom dejjem japplikaw u li ġew żviluppati konformement mad-Direttiva 96/61/KE[4], kemm-il darba l-operatur ma jurix li fatturi speċifiċi għal xi attività huma iżjed preċiżi.

Għandu jsir kalkolu separat għal kull attività, istallazzjoni u għal kull kombustibbli.

Kejl

Il-kejl ta' l-emissjonijiet għandu juża metodi standardizzati jew aċċetati , u għandu jiġi korraborat b'kalkolu sostenitur ta' l-emissjonijiet.

---

[4] Direttiva 96/61/KE: Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru, 1996 li tirrigwarda l-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż .

Monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra oħra

Għandhom jintużaw metodi standardizzati jew aċċetati li jkunu ġew żviluppati mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni ma' kull *stakeholder* rilevanti u adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Rappurtaġġ ta' emissjonijiet

Kull operatur għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja fir-rapport għal istallazjoni:

A. Informazzjoni li tidentifika l-istallazzjoni, inkluż:

- L-isem ta' l-istallazzjoni;
- L-indirizz tagħha, ikluż il-kodiċi postali u l-pajjiż;
- Tip u numru ta' attivitajiet taħt l-Anness 1 li jsiru fl-istallazzjoni;
- Dettalji ta' l-indirizz, telefon, fax u email ta' persuna li magħha għandu jsir kuntatt; u
- Isem is-sid ta' l-istallazzjoni, u ta' kull kumpannija li tikkontrollaha.

B. Għall-kull attività taħt l-Anness I li ssir fis-sit li għalih jiġu kalkolati l-emissjonijiet:

- Informazzjoni dwar l-attività;
- Fatturi ta' l-emissjonijiet;
- Fatturi ta' l-ossidazzjoni;
- Emissjonijiet totali; u
- Inċertezza.

Ċ. Għal kull attività taħt l-Anness I li ssir fis-sit li għalih jiġu mkejla l-emissjonijiet:

- Emissjonijiet totali;
- Informazzjoni dwar kemm il-metodi ta' kejl huma ta' min joqgħod fuqhom; u
- Inċertezza.

D. Għal emissjonijiet mill-kombustjoni, ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-fattur ta' l-ossidazzjoni, kemm-il darba l-ossidazzjoni ma tkunx diġa' tqieset fl-iżvilupp ta' fattur speċifiku ta' emissjoni għal xi attività.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jikkordinaw il-ħtiġijiet tar-rappurtar ma' ħtiġijiet ta' rappurtar eżistenti sabiex titnaqqas ir-responsabbiltà tar-rappurtar minn fuq in-negozji.

ANNESS 5

Kriterji għall-Verifika msemmija fir-Regolament 14

Prinċipji Ġenerali:

1. Emissjonijiet minn kull attività elenkata fl-Anness 1 ta' dawn ir-Regolamenti għandhom ikunu soġġetti għall-verifika.

2. Il-proċess ta' verifika għandu jinkludi konsiderazzjoni tar-rapport skond is-subregolament 14(2) u tal-monitoraġġ matul is-sena preċedenti. Dan għandu jindirizza id-dipendibilità, il-kredibilità u l-preċiżjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kull informazzjoni u *data* li jirrigwardaw l-emissjonijiet, u b'mod partikolari:

(a) l-informazzjoni dwar l-attività rappurtata u l-kejl u l-kalkoli rappurtati;

(b) L-għażla u l-impjieg ta' fatturi ta' emissjoni;

(ċ) il-kalkoli li jwasslu sabiex jiġu determinati l-emissjonijiet totali; u

(d) jekk jintuża l-kejl, kemm tkun adatta l-għażla u l-impjieg tal-metodi ta' kejl.

3. Jistgħu jiġu biss validitati emissjonijiet rappurtati jekk *data* u informazzjoni ta' min joqgħod fuqhom jippermetti li l-emissjonijiet jiġu stabbiliti bi grad għoli ta' ċertezza. Grad għoli ta' ċertezza jeħtieġ lill-operatur juri li:

(a) l-informazzjoni rappurtata hija ħielsa minn kull inkonsistenza;

(b) il-ġbir ta' l-informazzjoni jkun sar skond *standards* xjentifiċi applikabbli; u

(ċ) ir-reġistri rilevanti ta' l-istallazzjoni jkunu kompluti u konsistenti.

4. Min ikun qed jivverifika għandu jingħata aċċess għas-siti kollha w għal kull informazzjoni li tirrigwarda s-soġġett tal-verifika.

5. Min ikun qed jivverifika għandu jqis jekk l-istallazzjoni tkunx reġistrata taħt l-iskema tal-Komunità għall-eko maniġġar u awditjar (EMAS).

ANNESS 6

Riproduzzjoni ta' Anness B tal-Protokoll ta' Kyoto msemmi fir-Regolament 11

Parti	Limitazzjoni ta' emissjoni jew impenn ta' riduzzjoni kwantifikati (persentaġġ ta' sena bażi jew perjodu)
Australia	108
Austria	92
Belgium	92
Bulgaria	92
Canada	94
Croatia	95
Czech Republic	92
Denmark	92
Estonia	92
European Community	92
Finland	92
France	92
Germany	92
Greece	92
Hungary	94
Iceland	110
Ireland	92
Italy	92
Japan	94
Latvia	92
Liechtenstein	92
Lithuania	92
Luxembourg	92
Monaco	92
Netherlands	92
New Zealand	100
Norway	101
Poland	94
Portugal	92
Romania	92
Russian Federation	100
Slovakia	92
Slovenia	92
Spain	92
Sweden	92
Switzerland	92
Ukraine	100
United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland	92
United States of America	93